MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 209/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joe Curmi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Joe Curmi, bin John u Emanuela neé Attard, residenti fil-fond 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' numru 371783(M) li gie

Akkuzat talli nhar it-23 ta' Frar 2011 ghal habta ta' 13.30hrs u matul dawn il-granet gewwa 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex:

1. Zamm jew ippermetta li jinzamm gmieh ta' demel fid-dar 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex;

2. Talli naqas milli jzomm nadif il-partijiet interni tal-fond tieghu f'numru 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

ILLI mill-provi prodotti, inkluz ir-ritratti ezebieti minn John Busuttil, Assistant Principal Environmental Health Officer, jirrizulta li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 121(1), 121(2)(i), 318 u 319 tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'hekk tikkundannah ghal ammenda ta' erbghin Euro (€ 40.00) ghall-ewwel imputazzjoni u ghal ammenda ta' erbghin Euro (€ 40.00) ghat-tieni imputazzjoni. *In oltre*, b'applikazzjoni ta' Artikolu 321(1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati sabiex fi zmien xahar millum jnehhi l-inkonvenjent li bih saru l-kontravvenzjonijiet li taghhom huwa gie misjub hati u fin-nuqqas li huwa jaghmel dan fiz-zmien lilu moghti, il-hati jehel penali ta' ammenda ta' erba' euro u hamsa u sittin centezmu (€ 4.65) ghal kull gurnata li l-kontravvenzjonijiet ikomplu wara li jaghlaq iz-zmien imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------